# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 116/2014/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Sherlock Cachia**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Sherlock Cachia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 457378(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013:

a. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-

Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li l-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu piena ta' tliet (3) xhur priġunerija u multa ta' sitt mitt Euro (€600) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50) bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fil-proċeduri, ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, sebgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€147.50), liema spejjeż kellhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga Dok. "JF" hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan sakemm il-Prosekuzzjoni ma ndikatx permezz ta' Nota fi żmien ħmistax il-jum minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, illi kien

neċessarju illi din id-droga tiġi preżervata għal skop ta' xi proċeduri oħrajn kontra terzi b'dan illi f'dak il-każ ir-Reġistratur kellu jirrapporta lill-Qorti b'verbal meta din id-droga tkun hekk ġiet distrutta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' Frar 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew in subsidum, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' tlett xhur priġunerija u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u lanqas ma kien hemm x'jiżdied man-Nota ta' Riferenzi li ġiet ippreżentata quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Jannar 2021.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma fil-qosor is-segwenti: fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013 kien hemm *party* fl-MFCC, Ta' Qali. Il-Pulizija għamlu xi tfittxijiet u fi tfittxija li saret fuq il-persuna minn PS 1387 u PC 450 irriżulta li l-appellant kellu erba' pilloli li wara l-espert maħtur mill-Qorti kkonferma li kienu *ecstasy*. Il-pilloli nstabu fiż-żarbuna tan-naħa tal-lemin tal-appellant.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq tliet aggravji. Qabel ma tibda bl-istħarriġ tagħha dwar dan l-aggravji, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi hija tal-fehma li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ aggravji flimkien.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar il-pussess illegali tad-droga. Huwa jiċċita minn sentenza fir-rigward ta' assoċjazzjoni, pussess illegali ta' droga u traffikar ta' droga. Jgħid li m'hemmx dubju dwar l-att materjali imma jisħaq li hu ma kienx jaf li kellu fil-pussess tiegħu l-pilloli *ecstasy*. Jgħid li hu xehed li l-pilloli ma kinux tiegħu imma ta' ċertu Jocelin Schembri li tatu l-pilloli biex iżommhomlha minħabba li bdiet tibża' ddaħħalhom fil-*party*. Jargumenta li l-prova li l-pilloli ma kinux tiegħu iżda ta' din il-persuna l-oħra nġabet permezz tal-stqarrija rilaxxata minnu *a tempo vergine*. Jgħid li ġialadarba Schembri għażlet li ma tixhedx, l-aħjar prova kienet l-istqarrija tiegħu u li b'hekk ma jirriżultax il-pussess tad-droga peress li ma kienx jaf x'kienu l-pilloli. Isostni li ma kienx jaf li l-pilloli kienu pilloli konnessi mad-droga.

Illi t-tieni aggravju huwa dwar l-allegat pussess mhux għall-użu esklussiv. Huwa jirreferi għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward ta' pussess mhux għall-użu esklussiv fejn il-Qorti kienet qalet li trid tkun sodisfatta li l-pussess in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv tal-pussessur. Jisħaq li fil-każ odjern dan assolutament ma kienx il-każ. Jgħid li riedet tinġieb il-prova li d-droga kienet tkun għall-użu tiegħu kif ukoll ta' terzi u jgħid li ma tressqet l-ebda prova li din id-droga kienet għall-użu tiegħu. Jgħid li *se mai* nġabet biss il-prova li din kienet ser tintuża minn terzi tant li in kontro-eżami jgħid li Schembri qaltlu li wara kienet ser teħdohom lura minn għandu.

Illi dwar l-aggravji in eżami din l-Qorti kkunsidrat il-provi kollha u kkunsidrat li mix-xiehda tal-appellant stess hu kien staqsa darbtejn

lil dawk li kienu miegħu jekk kellhomx xi ħaġa fuqhom. Din il-mistoqsija – għal darba, darbtejn – turi li l-appellant kien diġa' qed juri t-tħassib tiegħu dwar li min kien miegħu seta' kellu xi ħaġa li mhijiex legali. Barra dan, huwa nnega li kellu xi ħaġa fuqu meta l-Pulizija staqsewh u kien biss meta qalulu biex ineħħi ż-żarbun li hu qal lill-Pulizija li kellu pakkett b'xi pilloli fiż-żarbun (*a fol.* 76). Konsiderazzjoni oħra hija li jekk it-terza persuna tefgħathom fil-but tal-ġlekk, bilfors li kien qed jaħseb ħażin ġialadarba mill-but hu tefagħhom fiż-żarbun fejn kien aktar diffiċli li wieħed jintraċċjhom. Apparti minn dan, huwa ra lill-persuna li tefgħathom fil-but tal-ġlekk tiegħu tmur fil-kju l-ieħor.

Illi meta seħħ l-akkadat l-appellant diġa' kellu aktar minn 30 sena u ma hemm xejn xi jżomm lil din il-Qorti milli tikkunsidrah bħala persuna matura. Infatti dan jidher ukoll miż-żewġ mistoqsijiet tiegħu lil dawk li kien hemm miegħu dwar jekk kellhomx xi ħaġa. Huwa kellu jirrifjuta li jżomm xi oġġett li fuqu kien diġa' mħasseb. Aktar u aktar kellu jirrifjuta s-sustanza wara li Schembri qaltlu li beżgħet iżżommhom hi.

Illi dwar il-pussess, il-liġi ma tgħidx "pussess għalih" u kulma tagħmel hu li tiddistingwi jekk il-pussess kienx għal persuna jew inkella dak il-pussess kienx biex minnha jagħti lil ħaddieħor kemm bil-flus kif ukoll bla flus. Bil-kelma pussess għandu jinftiehem li d-droga tkun tinstab fuq il-persuna u taħt il-kontroll tagħha. Hekk ġara meta l-appellant żamm għandu l-erba' pilloli *ecstasy* mgħoddija minn Schembri u saħansitra ħbiehom fiż-żarbun.

Illi minn dan kollu jirriżulta li l-appellant kellu kemm il-pussess kif ukoll il-pussess li f'tali ċirkostanzi juri li s-sustanza ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Huwa kien jaf li ser jagħtihom lil min tahomlu meta hemm provi biżżejjed indizzjarji li jippuntaw f'direzzjoni waħda li kien jaf li dak li kien żamm kien illeċitu.

Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li huwa jgħid kienet waħda gravuża u dana minħabba li huwa aġixxa fi stat ta' biża' kif ukoll tenut kont tal-fedina penali tiegħu. Jgħid ukoll li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li huwa għandha jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u minn Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostni li din il-Qorti għandha tirrevoka l-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija u minflok tinfliġġi piena alternattiva.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet siewja meta ġiet biex teroga l-piena tant li jirriżulta li kkunsidrat, fost l-oħrajn, il-fatt li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-appellant allura imputat kellu jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u minn Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jirriżulta mill-fatt li l-appellant ġie kkunndannat tliet (3) xhur priġunerija meta l-priġunerija ma kellhiex tkun anqas minn sitt (6) xhur.

Illi minkejja dak li ngħad fil-paragrafu jirriżulta li minn mindu ngħatat is-sentenza appellata, b'Att Numru XXXVI tal-2021 ġie emendat il-*proviso* ta' Artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta bil-konsegwenza li l-Artikolu msemmi issa ġie jaqra hekk:

> "Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (2)(b)(i):

Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation*, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantita' żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.

Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-dispożizzjonijiet tal-*proviso* li jiġi minnufih qabel dan." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak hawn fuq ċitat u dak li ġie dikjarat mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti dwar li l-appellant allura imputat kellu jibbenefika minn tnaqqis. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota li din kienet l-ewwel darba li l-appellant kellu x'jaqsam ma' dan it-tip ta' reat u li l-ammont kien ta' erba' (4) pilloli *ecstasy*. Ma' dawn din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali aġġornata tal-appellant u li ġie eżebita quddiem din il-Qorti. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tapplika l-*proviso* l-ġdid kif hawn fuq imsemmi li ddaħħal wara li ngħatat is-sentenza appellata. B'hekk l-aggravju in eżami ser jiġi milqugħ u għaldaqstant din il-Qorti ser tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Sherlock Cachia u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr għal dik il-parti fejn l-appellant ġie kkundannat tliet (3) xhur priġunerija liema parti qed tiġi mħassra u revokata u minflok tikkundanna lill-appellant għal perjodu ta' tliet (3) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**